MALTA

# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## Magistrat Francesco Depasquale

**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Illum l-Hamis, 4 ta' Ottubru 2018**

Rikors Numru 137/2015

**Cassar & Cooper Limited**
**(C 2871)**

**vs**

**Marvin Ghirxi (ID 328178M) u Melissa Susan Ghirxi (ID 522492M)**

Il-Qorti,

### 1. Premessi

1. Rat ir-rikors promotur ippresentat fil-11 ta' Mejju 2015 fejn is-socjeta rikorrenti talbet lill-Qorti tikkundanna lill-intimati:

   *Trodd(u) lura s-somma globali ta' disat elef, tlett mija u sittax-il Euro u disgha u tmenin centezmu (*kif korrett b'digriet datat 3 ta' Lulju 2015*) (9,316.89), liema somma hija minnkom dovuta stante li thallset indebitament fil-forma ta' salarju ghal xoghol u sahra lill-intimat Marvin Ghirxi skond kalkolu zbaljat hekk kif ser jigi provat fil-mertu tal- kawza, jew kull somma ohra verjuri li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja w opportuna.*

   *Illi minkejja li 1-intimati gew debitament interpellati sabiex ihallsu 1-ammont surriferit, dawn dejjem baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Bl-ispeijez u bl-imghaxijict kollha skond il-ligi, inkluzi dawk talittra ufficjali bin-numru 1638/14 u bl- ingunzjoni in subizzjoni tal-intimati.*

2. Rat ir-risposta ta’ l-intimati **Marvin Ghirxi** u **Melissa Susan Ghirxi** ippresentata fis-27 ta’ Mejju 2015 fejn laqa’ ghal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difizi:

   1. *IIli fl-ewwel lok jigi rilevat illi hemm inkompatibilita' fl-ammonti hekk kif reklamati mis-socjeta' attrici stante illi l-ammont imnizzel fi kliem huwa ta tmint'elef, disa' mija u tlett ewro u sebgha u sittin centezmu (8,903.67) mentri I-ammont imnizzel ffiguri huwa ta' disa t'elef u tlett mija u sittax-il ewro u disgha u tmenin centezmu (9,316.89)*

   2. *Illi fit-tieni lok jigi rilevat illi l-konvenuta Melissa Susan Ghirxi mhijiex il-legittimu kontradittur peress illi hi qatt ma kienet impjegata mas-socjeta' attrici, u t-talba tas-socjeta' attrici tikkoncerna biss hlas zejjed fil-forma ta salarju ghal xoghol u sahra lil Marvin Ghirxi u mhux lil Melissa Susan Ghirxi u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;*

   3. *Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju jigi rilevat illi t-talba tas-socjeta attrici hija nfondata kemm fattwalment kif ukoll legalment stante illi mhuwiex minnu illi l-konvenut Marvin Ghirxi thallas somom zejda fil-forma ta' salarju ghal xoghol u sahra lill-intimat Marvin Ghirxi skond kalkolu zbaljat maghmul mill-accountant stess tas-socjeta' attrici u dan kif se jirrizulta ahjar fit-trattazzjoni ta' din il-kawza u kwindi t-talba tas-socjeta' attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra taghha:*

   4. *Illi inoltre jgi rilevat illi I-konvenut kien ilu jahdem mas-socjeta' attrici ghal madwar tmintax-il sena u tul dan il-perjodu kollu qatt ma inghata kuntratt bil-miktub tal-kundizzjonijiet tax-xoghol tieghu inkluz l-ammont ta' paga tieghu. Ghalkemm il-konvenut gie mgharraf illi minn Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) huwa kien se jibda jinghata zieda mal-paga illi kellu precedentament huwa qatt ma gie mgharraf ezattament b'kemm kienet se tizdidlu l-paga. Fi kliem iehor, huwa gie mgharraf biss illi kienet se tizdiedlu I-paga izda qatt ma gie mgharraf b kemm kienet se tizdiedlu u ghalhekk s- socjeta attrici ma tistax issa tallega illi l-konvenut thallas ammont zejjed stante illi l-istess socjeta' attrici lanqas biss kienet infurmat lill-konvenut b'kemm kienet se tizdiedlu l-paga;*

5. Rat illi fid 9 ta’ Gunju 2017, l-intimati talbu illi jressqu eccezzjoni ta’ preskrizzjoni ai fini tal-Artikolu 1027 tal-Kodici Civili, ghal liema talba s-socjeta rikorrenti oggezzjonat fit 12 ta’ Lulju 2017.

6. Rat illi fl-24 ta’ Lulju 2017 il-Qorti accettat bhala eccezzjoni ulterjuri l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai fini tal-Artikolu 1027 tal-Kodici Civili.

## 2. Provi

1. Rat l-affidavit ta’ **David Scerri**, Direttur tal-Finanzi tas-socjeta rikorrenti, ippresentat fis 7 ta’ Settembru 2015.

2. Rat l-affidavit ta' **Mario Debono**, Deputy General Manager tas-socjeta rikorrenti, ippresentat fis-7 ta' Settembru 2015.

3. Rat l-affidavit ta' **Ray Buttigieg**, General Manager tas-socjeta rikorrenti, ippresentat fid 9 ta' Mejju 2016.

4. Rat illi fis 6 ta' Frar 2017, wara illi l-kaz odjern ingieb quddiem dina l-Qorti kif ippresjeduta, il-partijiet ddikjaraw illi l-provi migbura fil-kaz Rikors Nru 138/2015 fl-ismijiet 'Cassar & Cooper Limited vs Stephania Micallef' kellhom japplikaw ghal kaz odjern.

5. Rat illi fil-kawza fuq imsemmija 138/2015, sas-6 ta' Frar, b'zieda ghall-provi gia migbura fil-kawza odjerna, wara l-eghluq tal-provi tas-socjeta rikorrenti li saret fit-22 ta' Ottubru 2015, tressqu s-segwenti provi mill-intimata:

- Affidavit ta' **Stephania Micallef** ippresentat fis 26 ta' Novembru 2015 (fol 51 sa 64)
- Affidavit ta' **Anthony Lawrence Micallef** fis 26 ta' Novembru 2015
- Affidavit ulterjuri ta' Stephania Micallef ippresentat fl-4 ta' Frar 2016. (fol 72 sa 73)
- Affidavit ta' **Melissa Ghirxi** ippresentat fl-14 ta' April 2016 (fol 76 sa 77)
- Affidavit ta' l-intimaat **Marvin Ghirxi** ippresentat fl-14 ta' April 2016 (fol 78 sa 83)
- Xhieda in kontro ezami ta' Melissa Ghirxi moghtija fit 30 ta' Mejju 2016 (fol 85)

6. Rat id-dokumentazzjoni esebita mis-socjeta rikorrenti fis 6 ta' Frar 2017, ossija korrispondenza bejn is-socjeta u l-intimat li tinkludi l-ittra meta gie impjegat l-ewwel darba datata 31 ta' Ottubru 1996 (fol 52)

7. Rat l-affidavit ulterjuri ta' Marvin Ghirxi ppresentat fl-24 ta' April 2017 flimkien ma' dokumentazzjoni hemm annessa.

8. Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' David Scerri moghtija fil 5 ta' Ottubru 2017.

9. Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' Mario Debono moghtija fil 5 ta' Ottubru 2017.

10. Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' Ray Buttigieg moghtija fit 13 ta' Novembru 2017.

11. Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' Marvin Ghirxi moghtija fit 13 ta' Novembru 2017 u fis 7 ta' Dicembru 2017 u rat id-dokumentazzjoni minnu ppresentata.

12. Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' Stephania Micallef moghtija fil 15 ta' Marzu 2018.

13. Rat illi fil 15 ta' Marzu 2018 il-partijiet ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi w il-kawza setghet tithalla ghas-sottomissjonijet finali.

14. Rat is-sottomissjonijiet tas-socjera rikorrenti ippresentati fit 3 ta' Mejju 2018.

15. Rat is-sottomissjonijiet ta' l-intimat ippresentati fil 25 ta' Gunju 2018.

16. Rat illi fil 25 ta' Gunju 2018 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum.

## 3. Konstatazzjonijiet fattwali.

1. Jirrizulta, mill-provi presentati, illi s-socjeta rikorrenti kienet impjegat lill-intimat fis-sena 1996 bhala clerk u l-intimat baqa' impjegat mas-socjeta intimata u beda jinghata responsabbiltajiet oghla tant illi huwa kien imexxi d-Dipartiment tal-General Sales Agency illi kellha s-socjeta rikorrenti tal-kumpannija Emirates Sky Cargo flimkien ma' persuna ohra, ossija Stephania Micallef.

2. Jirrizulta illi, mument minnhom, ghas-sajf tas-sena 2011, l-intimat kien avza lis-socjeta rikorrenti, u partikolarment lill Mario Debono, illi kien responsabbli mid-Dipartiment tal-General Sales Agency, illi huwa kien inghata offerta ta' impjieg ahjar u kien qieghed jikkunsidra illi jitlaq. Gharrfu ukoll illi anke Stephania Micallef inghatat tali offerta ta' impjieg ahjar.

3. Jirrizulta illi sussegwentement Mario Debono ltaqa' ma' l-intimat sabiex jistharreg minghandu x'kienet din l-offerta ahjar u gharraf lill-intimat illi kien ser jiddiskuti s-sitwazzjoni mal-Bord tas-socjeta rikorrenti filwaqt illi ma tahx indikazzjoni dwar x'kellha tkun il-paga l-gdida.

4. Jirrizulta illi l-Bord tas-socjeta rikorrenti eventwalment iddiskutiet l-paga ta' l-intimat u qablet illi l-paga tieghu kellha tizdied b'effett minn l-1 ta' Jannar 2002, u ta' dan Mario Debono kellu jgharraf lill-intimat peress illi d-Dipartiment kien jaqa' taht ir-responsabbiltajiet tieghu.

5. Jirrizulta illi fl-24 ta' Novembru 2011 Mario Debono kellem lill-intimat kif ukoll lill Stephania Micallef flimkien ma' Raymond Buttigieg, illi huwa l-General Manager tas-socjeta rikorrenti, fejn gharrafhom verbalment biz-zieda illi kienet ser tinghata.

6. Jirrizulta illi sussegwentement, dakinhar stess, fl-14.20pm (fol 28), Mario Debono kiteb lill-membri tal-Bord u gharrafhom b'dan li gej:

   *"we have early this morning spoken to Marvin and Stephania along the lines that we will give them €1,700 + €200 petrol allowance as from 1st January 2012. This was well received by them."*

7. Jirrizulta illi sa Dicembru 2011, il-payslip ta' l-intimat (fol 43 fil-process 138/15) kienet tindika illi l-'*basic salary*' ta' l-intimat kien ta' €1,549 salv hlasijiet ta' overtime.

8. Jirrizulta illi f'Jannar 2012, il-payslip ta' l-intimat (fol 14 fil-process 138/15) bdiet tindika illi l-'*basic salary'* ta' l-intimat issa kienet ta' €1,900 salv hlasijiet ta' overtime.

9. Jirrizulta illi la l-management tas-socjeta rikorrenti u wisq anqas l-intimat stess ma' indunaw illi kien hemm zball fil-paga illi kienet qed tinhareg lill-intimat kull xahar.

10. Jirrizulta illi kien biss f'Marzu tas-sena 2014 illi David Scerri, li huwa l-Finance Director tal-Accounts Department tas-socjeta rikorrenti, intebah li l-intimat kien qieghed jithallas €200 aktar milli kien dovut, u dana sa minn Jannar tas-sena 2012.

11. Jirrizulta illi, fl-20 ta' Marzu 2014, is-socjeta rikorrenti, u precizament Raymond Buttigieg li kien General Manager, David Scerri, li kien Financial Manager u Mario Debono ltaqghu ma' l-intimat u gharrfuh bl-izball kien qed jithallas aktar milli kien dovut.

12. Jirrizulta illi ghalkemm inizzjalment l-intimat ta x'jifhem illi setghet tinstab soluzzjoni, eventwalment l-intimat irrifjuta illi jirrifondi dak imhallas u, meta s-socjeta rikorrenti gharrfitu illi kienet ser taggusta l-paga b'effett minn April ta' dik is-sena, huwa ma ghand l-ufficjali tad-Dipartiment ta' l-Impjiegi illi, da parte taghhom gharrfu lis-socjeta rikorrenti illi ma setghux jnaqqsu l-paga ta' l-intimat.

13. Jirrizulta illi eventwalment, s-socjeta rikorrenti ghalqet id-Dipartiment tal-General Sales Agency minhabba li ma kienetx qed tirrendi kif mixtieq u b'effett mis-27 ta' Awissu 2014 l-intimat ma' baqax impjegat tas-socjeta rikorrenti. (Rik Nru 138/15 – fol 40)

14. Jirrizulta illi, nelfrattemp, fit-28 ta' Mejju 2014, is-socjeta rikorrenti baghtet Ittra Ufficjali Nru 1638/14 lill-intimati fejn talbithom jirrifondu s-somma ta' hamest elef u tmien mija (€5,800) bhala salarju zejjed u s-somma ta' elfejn u sitta u hamsin Euro u erbgha u sittin centezmu (€2,056.64) bhala sahra zejda. (Rik Nru 138/15 – fol 45)

15. Jirrizulta illi sussegwentement, meta bdew il-proceduri odjerni, s-socjeta rikorrenti talbet ir-rifuzjoni tas-somma ta' disat elef, tlett mija u sittax-il Euro u disgha u tmenin centezmu (€9,316.89) ossija sitt elef, hames mija u erbghin Euro (€6,540) f'salarju zejjed bejn l-1 ta' Jannar 2012 u id-19 ta' Settembru 2014 u elfejn sebgha mija u sitta u sebghin Euro u disgha u tmenin centezmu (€2,776.89) bhala sahra zejda imhallsa ghall-istess periodu.

## 4. Konsiderazzjoni legali

1. L-azzjoni odjerna hija wahda ta' '*indebito solutio*' maghmulha abbazi tal-Artikolu 1023 tal-Kap 16 illijipprovdi dan li gej:

   *(1) Dak li mingħajr jedd ikun irċieva l-ħlas ta' somma ta' flus għandu, jekk ikun għamlu b'mala fidi, irodd sew il-kapital kemm ukoll l-imgħaxijiet minn dak in-nhar tal-ħlas.*

   *(2) Iżda, jekk ikun għamlu b'bona fidi, mhux obbligat irodd ħlief il-kapital biss*

2. Fil-kawza fl-ismijiet "**Anna Maria Gauci et vs Salvino Farrugia et**" deciza mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-24 ta' Gunju 2016 intqal is-segwenti dwar tali azzjoni:

   *L-azzjoni indebiti solutio hija mahsuba biex kull min jircievi sew xjentament jew bi zball haga li hu ma kellux jiehu la taht obbligazzjoni civili u lanqas naturali ghandu jroddha lil dak li minn ghandu jkun irceviha bla jedd (Artikolu 1021 tal-Kodici Civili). Inoltre kull min billi jahseb, bi zball, li hu debitur ihallas dejn, ghandu jedd jitlob il-hlas lura minghand il-kreditur (Artikolu 1022(1) tal-Kodici Civili).*

   *Huwa ritenut li l-elementi li jridu jigu ppruvati biex tirnexxi azzjoni ta' hlas indebitu huma dawk imfissra fis-sentenza ta' din il-Qorti, tat-8 ta' Mejju 2001, fil-kawza fl-ismijiet Paul Camilleri v. Silvio Mifsud et, fejn jinsab irritenut illi:*

> *"L-attur kellu jekk ried jittanta l-azzjoni tal-indebitu b'success l- obbligu li jipprova t-tlett elementi tal-azzjoni. Dawn huma:-*
>
> *(a) Illi huwa hallas l-ammont minnu reklamat.*
> *(b) Li dak li hallas ma kienx minnu dovut lil min hallsu.*
> *(c) Li kien hekk hallas minhabba zball."*
>
> *Inoltre huwa principju generali accettat li l-ligi taghti l-azzjoni ghar-radd tal-hlas mhux misthoqq mhux biss meta kull ma thallas ma kienx misthoqq imma wkoll meta, ghalkemm xi hlas kien misthoqq, thallas izjed minn kemm kien misthoqq, u jekk jigri hekk, min ihallas jista' jfittex ghar-radd taz-zejjed imhallas. Biex ir-radd tal-hlas mhux misthoqq jista' jintalab bil-jedd jenhtieg li dan il-hlas ikun sar bi zball u dana l-izball ikun di fatto. (Kollez.Vol. XXIX.pt.II p.453).*

3. Il-principji tal-azzjoni tal-'*indebito solutio*' a tenur tal-Artiklu 1023 gew anke diskussi fir-reqqa fil-kawza '**Maria Galea vs Grace Borg**' deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Ottubru 2005 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Frar 2008, fejn intqal is-segwenti:

> *Huwa principju guridiku stabbilit illi rigwardata l-materja mill-punto di vista ta' l-Artikolu 1022, biex ikun hemm lok ghar-ripetizzjoni ta' indebitu jehtieg li jissussistu dawn l-elementi kostituttivi, u cjoe: (a) li jkun sar pagament; (b) li dan il-pagament ma kienx dovut; (c) li l-pagament ikun sar bi zball. Jispetta lil min jipproponi l-azzjoni li jipprova l-hlas, l-inezistenza tal-causa solvendi u l-izball. Riferibilment ghat-tieni element li bhall-ewwel wiehed jghodd ukoll ghal kaz ta' indebitu ex re (Artikolu 1147) jinsab spjegat illi "jista' jkun hemm pagament mhux dovut f'diversi ipotesijiet u wahda minn dawk l-ipotesijiet hu meta l-pagament ikun jidderiva minn titolu annullabbli, rexxindibbli, rizolubbli u revokabbli, u jkollu kontra tieghu eccezzjoni perentorja tajba biex tiddistruggih, mhux biss civilment, imma anke naturalment" (Kollex. Vol. XLV pIII p782). Ghal dak li jikkoncerna l-element ta' l-izball il-gurisprudenza taghna, filwaqt li tosserva d-distinzjoni illi fil-kaz ta' l-accipiens il-hlas irid ikun ricevut minnu "sew xjentement jew bi zball" (Artikolu 1021), fil-kaz tas- solvens li jkun hallas jibbasta l-izball. Zball dan skond is-sentenza a Vol. XXXIII pII p332, "irid ikun zball ta' fatt, u mhux ta' dritt jew injoranza tal- ligi" mentri invece, skond is-sentenza precitata a Vol. XLV pIII p782 "minghajr distinzjoni bejn zball ta' fatt u zball ta' dritt, sakemm l-izball ta' dritt ikun il-kawza unika jew principali tal-pagament u l-haga ma tkunx dovuta lanqas ghall-obbligazzjoni naturali". Huwa pacifiku, però, illi "jekk ma ssirx il-prova ta' dak l-izball fis-solvens u b'mod specjali jekk issir il- prova li dak is-solvens kien jaf bic-cirkustanzi li mhabba fihom ma kienx tenut ghall-hlas, allura ma ghandux dritt ghar-ripetizzjoni ta' dak li hallas"*

4. Jirrizulta illi, fil-mori tal-kawza, l-intimati qajjmu l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 1027, illi jipprovdi dan li gej:

> *L-azzjoni biex jintalab lura dak li jkun ingħata mingħajr ma kien imiss, meta ma tkunx waqgħet bil-preskrizzjoni bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet miġjuba taħt it-titolu dwar il-preskrizzjoni, taqa' bil-preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn minn dak in-nhar illi dak li lilu tmiss l-azzjoni jikxef l-iżball.*

5. Jirrizulta illi fil-kawza '**Nutar Dr Joseph H Saydon vs Francesca Saveria sive Frances Mifsud**' deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit 18 ta' Gunju 2018 intqal is-segwenti:

   *31. B'referenza għall-argument li tagħmel il-konvenuta fl-appell tagħha, jiġi enfasizzat illi dan l-artikolu tal-liġi ma jgħidx, "minn dak in-nhar illi dak li lilu tmiss l-azzjoni seta' jikxef l-iżball" iżda "minn dak in-nhar illi dak li lilu tmiss l-azzjoni jikxef l-iżball.*

   *32. Ladarba din il-qorti qegħda tqis illi l-iżball inkixef mill-attur fl-2015, it-terminu ta' preskrizzjoni skont l-Artikolu 1027 tal-Kodiċi Ċivili (sentejn) beda jiddekorri minn tali żmien.*

## 5. Konsiderazzjonijet Finali

1. Jirrizulta ben ippruvat illi l-intimat, sa' Dicembru tas-sena 2011 kien qieghed jippercepixxi '*Basic Pay*' ta' elf hames mija u disgha u erbghin Euro (€1549) fuq bazi '*gross*'

2. Jirrizulta ben ippruvat ukoll illi f'Novembru tas-sena 2011 is-socjeta rikorrenti kienet iddecidiet illi zzid il-paga ta' l-intimat b'effett mill-bidu ta' Jannar 2012 ghal elf u sebgha mija (€1,700) bhala '*Basic Pay*' fuq bazi '*gross*' u mitejn Euro (€200) bhala fuel allowance, illi kellha tinghadda lill-intimat permezz ta' pagament separat. Dana huwa anke rifless fil-korrispondenza illi Mario Debono, illi kien is-superjur ta' l-intimat, baghat lis-socjeta rikorrenti, fejn ikkonferma li l-intimat kien mgharraf b'dawna l-arrangament godda, fil-presenza ta' Ray Buttigieg.

3. Jirrizulta illi fl-ewwel '*pay slip*' ta' Jannar 2012, erronjament David Scerri, li huwa l-Financial Controller tas-socjeta rikorrenti, indika erronjament bhala '*basic pay*' is somma ta' elf u disgha mitt Euro (€1,900) flok elf u sebgha mitt Euro (€1,700) kif propost lill-intimat u minn accettat.

4. Jirrizulta illi kien biss f'Marzu tas-sena 2014, waqt illi s-socjeta rikorrenti kienet qed taghmel ezercizzju biex tipprova tifhem u tevalwa ghaliex l-operazzjoni illi fiha kien jahdem l-intimat ma kienetx qieghda trendi qliegh, illi intebhet, tramite David Scerri, illi attwalment kien sar zball fejn l-intimat kien qieghed jithallas aktar paga milli dik lilu dovuta.

5. Jirrizulta illi fl-20 ta' Marzu 2014 is-socjeta rikorrenti iltaqghet mal-intimat biex tispjegalu l-izball illi kien sar, u ghalkemm kien hemm diskors illi seta jwassal ghal ftehim, ftit jiem wara, fl-24 ta' Marzu 2014, l-intimat jidher illi indika illi ma kienx predispost illi jasal ghal arrangament.

6. Jirrizulta illi fit-28 ta' Mejju 2014 is-socjeta rikorrenti baghtet Ittra Ufficjali lill-intimati, Ittra Ufficjali Nru 1638/14

7. Jirrizulta illi s-socjeta rikorrenti qieghda tikkontendi illi sar is-segwenti pagament ta' salarju zejjed: (Rik 138/15 - fol 19)

| | | |
|---|---|---|
| - Jannar sa Dicembru 2012 - €200 x 12-il xahar | €2,400 | |
| - Jannar sa Dicembru 2013 - €200 x 12-il xahar | €2,400 | |
| - Jannar sa 19 Settembru 2014 - €200 x 8.68-il xahar | €1,740 | |
| TOTAL: | | €6,540 |

8. Jirrizulta illi s-socjeta rikorrenti qieghda tikkontendi illi sar is-segwenti pagament ta' salarju zejjed: (Rik 138/15 - fol 19)

| | |
|---|---|
| - Jannar sa Dicembru 2012 | €950.78 |
| - Jannar sa Dicembru 2013 - €200 x 12-il xahar | €919.05 |
| - Jannar sa 19 Settembru 2014 - €200 x 8.68-il xahar | €907.06 |
| TOTAL: | €2,776.89 |

9. Jirrizulta illi s-socjeta rikorrenti intebhet bl-izball f'Marzu tas-sena 2014 u, wara laqgha inkonklussiva fl-istess xahar, fit 28 ta' Mejju 2014 baghtet Ittra Ufficjali ghar-rifzujoni ta' dawna l-flejjes – ghaldaqstant l-eccezzjoni imqajjma mill-intimat illi l-azzjoni hija preskritta bit-trapass tas-sentejn a tenur tal-Artikolu 1027 ma tissusstix stante illi tali periodu jibda jidekorri **minn meta** s-socjeta rikorrenti giet a korrent ta' l-izball.

10. Jirrizulta car illi sar zball da' parte tas-socjeta rikorrent fejn bdiet thallas lill-intimat paga basika ta' elf u disgha mija (€1,900) flok dik ta' elf u sebgha mija (€1,700) kif intenzjonat mis-socjeta rikorrent, liema zball sar mill-Financial Manager tas-socjeta rikorrent David Scerri.

11. Jirrizulta illi l-verzjonijiet tal-fatti kif deskritti mix-xhieda tas-socjeta rikorrenti, ossija David Scerri, Mario Debono u Raymond Buttigieg huma ferm aktar verosimili u kredibbli minn dawk prodotti mill-intimat.

12. Jirrizulta, madanakollu, illi kienet is-socjeta rikorrenti illi ghamlet l-izball originalment u ma jidhrx ippruvat mala fidi fil-konfront ta' l-intimat meta kienu qed isiru tali pagamenti fuq bazi mensili, u ghalhekk ghandhom japplikaw id-dettami tal-Artikolu 1023(2) tal- Kap 16.

13. Jirrizulta illi Marvin Ghirxi u Melissa Susan Ghirxi huma mizzewgin u ma ngiebet ebda prova illi komunjoni tal-akkwisti bejniethom ma hijiex operanti, bir-rizultat illi Melissa Susan Ghirxi hija legittimu kontradittur fil-proceduri odjerni u l-eccezzjoni mressqa mill-istess Melissa Susan Ghirxi ma tirrizultax ippruvata

## 6. Konkluzjoni

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha u semghet ix-xhieda kif ukoll rat id-dokumentazzjoni esebita,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri taz-zewgt partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimati,

**Tilqa** t-talba attrici kif dedotta, u ghalhekk

**Tikkundanna** lill intimati Marvin Ghirxi u Melissa Susan Ghirxi in solidum bejniethom ihallsu lis-socjeta rikorrenti Cassar & Cooper Limited is-somma ta' **disat elef, tlett mija u sittax-il Euro u disgha u tmenin centezmu** (€9,316.89) kif ahjar deskritti fir-rikors promotur.

**Spejjez** kollha tal-proceduri odjerni u **Imghax** kalkolabbli millum sad-data tal-pagament effettiv ikun a kariku ta' l-intimati in solidum bejniethom.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur